TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/12/16/S

Frances Mallia
Vs
Andre Aquilina ezercenti l-kummerc bhala Innovatech

Illum 14 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Frances Mallia pprezentata fid-19 ta'Jannar,2016 u r-risposta ta' Andre Aquilina ezercenti l-kummerc bhala Innovatech ipprezentata fl-14 ta'Marzu,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-12 ta'Mejju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq tlitt tikek li feggew fuq is-sett tat-televizjoni xhur wara li dan inxtara. Kien hemm ukoll problema fuq l-'android box' izda din inbidlet min-naha tal-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

Illi t-Tribunal jinnota li kien wara xi 8 xhur li inxtara dan is-sett tat-televizjoni li r-rikorrenti indunat bi tlitt tikek li feggew;

Illi dawn it-tikek baqghu tlieta u ma zdidux fin-numru;

Illi skont l-intimat, dawn it-tikek huma frott ta' daqqiet u ghalhekk ma setghetx tigi applikata l-garanzija;

Illi dan it-Tribunal ihoss li mill-provi mressqa, r-rikorrenti ma rnexxiliex tipprova dak minnha allegat u cioe li s-sett tat-televizjoni kien difettuz;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Frances Mallia filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Andre

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Aquilina ezercenti l-kummerc bhala Innovatech, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru